MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 290/2006

Kawza fil-lista: 48

**A B**
**vs**
**C B, Direttur tar-Registru Pubbliku u D E nominata b' digriet tal-20 ta' Dicembru 2006 sabiex tirrapprezenta lill-minuri F B kjamata fil-kawza f' digriet tas-16 ta' Novembru 2006**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fit-tletin (30) ta' Marzu tas-sena 1996 u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg markat Dok A;

2. Illi fis-16 ta’ Dicembru 1997 lill-attrici twilditilha tarbija bl-isem ta’ F u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid markat Dok. B;

3. Illi t-tarbija twieldet matul iz-zwieg u fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija, il-konvenut C B gie indikat bhala missier it-tarbija u dan kif jirrizulta mill-istess certifikat tat-twelid markat Dok. B;

4. Illi l-konvenut C B m’ huwiex il-missier naturali ta’ l-attrici F B u dak kif jirrizulta mill-anness DNA Paternity Test Report markat Dok. C;

5. Illi fil-fatt missier it-tarbija huwa terza persuna.

6. Illi ghaldaqstant l-attrici F B m’ ghandhiex stat konformi ma’ l-att tat-twelid taghha kif fuq imsemmi;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attrici F B mhijiex il-wild naturali tal-konvenut C B kif hemm indikat fl-att tat-twelid ta’ l-imsemmija attrici F B numru 4926/1997;

2. Tiddikjara illi ghal dak li jirrigwarda l-paternita’ taghha, l-imsemmija attrici F B m’ ghandhiex stat konformi ma’ l-att tat-twelid taghha numru 4926/1997;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel u jirregistra l-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri F li jgib in-numru 4926/1997 fis-sens illi fejn isem missier F huwa indikat bhala ‘C B’ dan jigi kancellat u sostitwit bil-kliem ‘unknown father’ ossia ‘missier mhux maghruf’, u dan oltre li jithassru mic-certifikat hekk esebit id-dettalji u kull referenza ohra, dwar, jew ghall-imsemmi konvenut C B.

4. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi jekk it-talbiet dedotti fit-talbiet jintlaqghu, jehtieg li l-kliem “the said” jigu kancellati minn taht il-kolonna li tispecifika d-dettaliji ta’ omm it-tarbija fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

3. Illi fl-interess tal-minuri ghandhom jkunu rapprezentati minn kuraturi deputati stante illi jista’ jkun hemm kunflitt ta’ interess.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C B li biha kkonferma illi:

1. Illi huwa jaqbel illi huwa mhuwiex il-missier naturali tal-minuri F u ghaldaqstant jaqbel illi ghandhom isiru l-korrezzjonijiet fl-att tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri fis-sens illi jigu kkancellati ismu u l-konnotati kollha tieghu minn dik il-parti ta’ l-att tat-twelid taghha relattiva ghal missier it-tarbija.

2. Illi huwa m’ ghandux ibati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Rat ir-rapport xjentifiku kontenenti r-rizultati tat-testijiet tad-DNA u konfermat mit-tabib Dottor Joseph Tonna u l-Ispizjar Dottor Jonathan Farrugia;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri F li twieldet fis-16 ta’ Dicembru 1997, ghalkemm fl-Att tat-Twelid [numru 4926/97] taghha l-attur huwa registrat bhala missierha, fil-fatt l-imsemmija minuri mhijiex il-wild naturali tieghu.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici tikkonferma li fix-xahar ta’ Jannar 1997 hija kienet telqet mid-dar konjugali peress li kienet qed tissuspetta li zewgha, l-konvenut C B, kellu relazzjoni extra matrimonjali. Hija tghid li “f’ dan il-perjodu jiena kont qeghdha niffrekwenta persuna …. u kelli relazzjonijiet mieghu u hrigt tqila minnu ghal bidu tax-xahar ta’ April ta’ l-istess sena. Fil-fatt F twieldet fis-16 ta’ Dicembru 1997.” [Fol.39].

Illi l-attrici tikkonferma li “mix-xahar ta’ Jannar tas-sena 1997 sax-xahar ta’ Dicembru 1997, [jiena] qatt ma ghext ma zewgi u qatt ma kelli relazzjonijiet sesswali mieghu.” [Ibid].

Illi mit-testijiet xjentifici tad-DNA jirrizulta li l-konvenut C B mhuwiex il-missier naturali tat-tifla Fa.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifla “F” li twieldet fis-16 ta’ Dicembru 1997 mhjiex il-wild naturali tal-konvenut C B; u konsegwenzjalment tordna d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 4926/1997 fis-sens li l-isem tal-konvenut C B flimkien mal-konnotati tieghu jigu kancellati u minflok jitnizzlu l-kliem “missier mhux maghruf”; kif ukoll jigu kancellati mill-istess Att il-kliem “the said”.

L-ispejjez jibqghu a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------